MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 33/2021

It-Tlieta, 8 ta' Ġunju 2021

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Ufficċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Dott. Marlene Cini – Viċi Sindku
Is-Sur Daniel Cordina - Kunsillier
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera
Is-Sur Baskal Saliba - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Is-Sna Odette Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku s-Sur Nicky Saliba.

33.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

33.1.1 Il-membri kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa.

33.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

33.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Nru 30/2021, laqgħa b'urġenza Nru 31/2021, laqgħa b'urġenza Nru 32/2021 u laqgħa b'urġenza Nru 34/2021 ġew ċirkulati minn qabel u għalhekk ġew meqjusa bħala moqrija.

33.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm minn dawn il-minuti u talab għall-approvazzjoni. Kulħadd kien favur li dawn il-minuti jiġu approvati.

33.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

33.3.1 Is-Sindku nforma lil membri illi kif diġa ġie kkomunikat magħhom, il-laqgħat tal-Kunsill ma sarux minħabba l-azzjonijiet industrijali tas-Segretarji Eżekuttivi. Kompla jgħid illi skond direzzjonijiet mid-Dipartiment għal Gvern Lokali il-Kunsill xorta għadda l-pagamenti li kienu b'kuntratt.

33.3.2 Il-membri ġew infurmati illi l-ħajt li waqa fi Triq il-Ponta tranġa u tkaħħal.

33.3.3 Is-Sindku reġa ġibed l-attenzjoni ta' Triq ta' Ċenċ għal parti li qed tisfronda. Informa lil membri li ser terġa ssir pressjoni mal-Ministeru għal Għawdex u jekk ma ssirx minn naħa tagħhom issir mill-Kunsill.

33.3.4 Terġa ssir talba lil Ministeru għal Għawdex sabiex il-Kunsill jiġi mogħti kurduna sabiex tittaffa l-kwistjoni ta' l-ilma fi Triq iż-Żebbuġ.

33.3.5 Is-Sindku propona sabiex jinżebgħu il-*bollards* u l-kurduna tal-bankina tal-Belvedere ta' Triq Mons De Piro. Il-Kunsillier Cordina

propona wkoll li jinżebgħu ta' Pjazza l-Assunta wkoll. Il-membri qablu.

33.3.6 Is-Sindku nforma lil membri li nżebgħu l-bankijiet u r-railing tal-Belvedere ta' Triq Mons De Piro. Kompla jgħid li l-*playing field* wasal fl-aħħar fażijiet u l-Perit għandu jiddeċiedi l-kulur li ser jiġu miżbugħa l-*boundary walls.*

33.3.7 Is-Sindku nforma lil Kunsilliera illi l-bankina ta' Dar Stella Maris tlestiet.

33.3.8 Rigward il-laqgħa formali li l-Kunsill kellu mas-Sotto Kumitat 'Din l-Art Helwa' Għawdex, is-Sindku qal li din kienet laqgħa pożittiva u persważ li Din l-Art Helwa u l-Kunsill ser ikunu qed jaħdmu id f'id. Kompla jgħid ukoll li l-ħajt perikoluż li kien hemm fi Triq il-Batterija in-naħħa tal-baħar qed jinbena b'ġebel tal-qawwi sabiex ikun jiflaħ għal elementi.

33.3.9 Is-Sindku nforma lil membri illi l-jobsplus ser tibgħat *student worker* għas-Sajf sabiex jagħmel *work exposure* mal-Kunsill. Il-Kunsillier Cordina propona u l-Kunsillier Baskal Saliba ssekonda li ssir talba għal M. Saliba. Il-membri qablu.

33.3.10 Is-Sindku propona li għandha ssir talba lid-Dipartiment sabiex ikun jista' jiġi ngaġġat *Full time Council Attendant* fuq skala 16 u dan peress li l-ingaġġ għal Uffiċċjal Eżekuttiv ma ġiex approvat mid-Dipartiment.

33.3.11 Is-Sindku nforma lil membri tal-Kunsill illi hemm ħafna karozzi abandunati 'il fuq minn Triq l-Għerejjex – Marsalforn. Il-membri qablu li issir talba ma l-Awtoritajiet kkonċernati.

33.3.12 Is-Sindku nforma lil membri illi ser isir il-qtugħ ta' ħaxix mill-Għaqdiet inkluż Marsalforn.

33.3.13 Is-Sindku nforma lil membri li nżebgħu l-*bollards* u ir-*railing* ta' Triq Oniċi. Il-Kunsillier Baskal Saliba informa lis-Sindku li għad baqa' jitwaħħlu żewġ lampi ma' dawn il-*bollards.* Il-membri qablu li għandha tinġibed l-attenzjoni ta' l-*electrician.*

33.3.14 Is-Sindu informa lil membri li hemm bżonn urġenti li jitranġa u jinkesa t-taraġ tal-Qbajjar u jsir ftit kisi ukoll fejn l-iskips. Il-membri qablu. Il-

Kunsillier Daniel Cordina propona li jsiru *underground skips* fil-parkeġġ. Is-Sindku nfurmah li kienet saret talba simili fil-passat pero it-talba tal-Kunsill ma ġietx milqugħa. Il-membri qablu li għandha terġa ssir talba.

33.3.15 Rigward il-filmat tal-persuna li ħarket minn posthom l-iskips tal-Qbajjar u li nqabdet bil-camera. Is-Sindku nforma lil membri li l-persuna ma kienitx tingħaraf minħabba li l-cameras ma kienux ċari. Is-Sur Daniel Cordina propona li dan il-filmat jiġi xxerjat fuq il-facebook fejn il-Kunsill jikkundanna dan l-aġir. Is-Sindku qal li hemm bżonn tiżdied CCTV oħra fejn dawn l-iskips. Il-Kunsill Daniel Cordina talab ukoll sabiex tiġi nstallata CCTV fi Triq il-Qolla kantuniera ma Triq Manuel Magro.

33.3.16 Is-Sindku nforma lil membri illi hemm bżonn li t-truck tal-Kunsill jibda' jinġabar f'garaxx. Il-membri qablu li dan għandu jinġabar kuljum u għalhekk qablu li għandu jinkera garaxx għal prezz ta' €250 fix-xahar.

33.3.17 Rigward il-latrini ta' Marsalforn u x-Xwejni, is-Sindku nforma lil membri preżenti li l-Kunsill qed ikollu diversi lmenti peress li dawn qed jingħalqu fil-5.00 ta' fil-għaxija. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li hemm bżonn jitwaħħlu tabelli sabiex d-*divers* ma jħammġux x'hin jużaw il-latrini. Propona wkoll li jekk il-Public Cleansing ma jaċċettawx li l-latrini jibqew miftuħin aktar jinħarġu l-offerti mill-ġdid.

33.3.18 Is-Sindku nforma lil membri li l-Kunsill għandu jinforma lil LESA sabiex issir aktar sorveljanza speċjalment f'Marsalforn minħabba l-ħmieġ tal-klieb.

33.3.19 Is-Sindku nforma lil Kunsilliera illi id-dgħajsa li is-sid kien talab biex itella' u titpoġġa fil-Menqa għadha sorġuta l-barra mill-Menqa peress li mill-Ministeru għal Għawdex ma nħariġx il-permess kif ried is-sid. Inħareġ biss il-permess sabiex jtellaħa u joħroġa mill-Menqa. Is-Sindku iddikjara illi l-Kunsill ma jidħolx responsabbli jekk issir xi ħsara lil din id-dgħajsa tas-sajd. Il-membri qablu.

33.3.20 Is-Sindku nforma lil membri li l-fanali f'Marsalforn jinxelgħu nofshom u l-Kuntrattur għandu jmur jirranġuhom.

33.3.21 Is-Sindku propona sabiex issir talba lil Ministeru għal Għawdex sabiex Triq il-Merżuq titranġa speċjalment jekk il-Ministeru ser jirranġaw Triq ir-Rabat mill-Kappuċċini sa Marsalforn. Il-membri qablu li għandha ssir talba lil Ministeru għal Għawdex f'dan ir-rigward.

33.3.22 Is-Sindku, is-Sur Nicky Saliba nforma lil membri li qed jinżebgħu l-bandli tal-Qbajjar Promenade kif ukoll tranġa ir-*rubber safety flooring*. Is-Sindku kompla jgħid li ntbgħatet emejl mill-Ministeru għal Għawdex fejn talbu sabiex jitranġa dan il-Promenade u jekk il-Kunsill ma jirranġahx jgħaddi f'idejn l-istess Ministeru. Il-Kunsilliera Daniel Cordina u Baskal Saliba oġġezzjonaw għal dan. Il-Viċi Sindku, Dott Marlene Cini proponiet li għandha tinstab triq tan-nofs u il-promenade jiġi rranġat flimkien bl-għajnuna tal-Ministeru għal Għawdex. Il-membri qablu li għandha ssir laqgħa mal-Ministeru għal Għawdex f'dan ir-rigward. Il-Kunsillier Cordina qal li għandha tinġibed l-attenzjoni tal-Ministeru għal Għawdex għal l-istat ħażin li jinsab fih il-Ġnien tat-tliet Għoljiet liema ġnien jaqa' f'idejn il-Ministeru għal Għawdex.

33.3.23 Is-Sindku nforma lil membri li l-Arċipriet talab sabiex jibda' jintuża' l-*youth centre* sabiex isiru xi laqgħat għaż-żagħżagħ. Il-membri qablu li dan għandu jintuża pero qabel jinġieb il-permess mill-Awtorijtajiet tas-Saħħa.

33.3.24 Is-Sindku nforma lil preżenti illi waslitlu talba sabiex issir disabled parking bay fi Triq Santa Marija wara il-Kartell Restaurant f'Marsalforn. Il-membri qablu li diġa hemm *communal disabled bay* u tista' tintuża minn dan l-individwu wkoll. Il-Kunsilliera Daniel Cordina u Baskal Saliba ma jaqblux li għandu jingħata widen dan l-individwu qabel jinbeda l-ħajt ta' l-għalqa ta' Triq Frank Debono peress li dan qatt ma ta widen lil Kunsill. Il-membri qablu li dan il-ħajt għandu jiġi rrapurtat lil Litter Act.

33.3.25 Is-Sindku propona u l-membri qablu li l-Kunsill għandu jibgħat ittra lis-Sur Joe Bajada fejn jawguralu għal ħatra tiegħu bħala President taċ-Ċiklisti.

33.3.26 Fuq proposta tas-Sindku, l-membri qablu li l-fanali ta' fejn il-Horizon Restaurant li huma mkissra jinbidlu.

33.3.27 Is-Sindku nforma lil membri li prova javviċina lil sid l-għalqa li hemm bejn il-Horizon u l-Qbajjar pero' ma kienx possibli.

33.3.28 Fuq proposta tas-Sindku il-membri qablu li għandha issir talba lil Ministeru għal Għawdex sabiex jitranġa l-passaġġ tal-konkos li mill-Bajja ta' Taħt ix-Xifer iwasslek għal Bajja tal-Qbajjar.

33.3.29 Is-Sindku propona u l-membri qablu li għandha terġa toħroġ l-offerta ta' l-istreet signs peress li għalqet.

33.3.30 Is-Sindku informa lil membri li l-Kunsill għadu ma ngħatax risposta mid-Dipartiment għal Gvern Lokali rigward l-Skema ta' Attivitajiet Kulturali. Is-Sur Daniel Cordina ikkundanna l-ħsara li qed issir minn xi nies partikulari f'dan ir-rigward. Kompla jgħid illi jekk xi ħadd għandu għalih personali m'għandux jinqeda' bil-Kunsill. Is-Sindku qabel mas-Sur Cordina. Is-Sur Cordina kompla jgħid illi għandu s-susspetti tiegħu illi l-proposta tal-Kunsill ma ssirx minħabba pika personali. Qal li ħabba dawn l-aġiri tbati il-lokalita'. Il-membri qablu li għandha tintbgħat reminder f'dan ir-rigward.

33.3.31 Fuq proposta tas-Sindku, il-membri qablu li għandha ssir talba għal *communal disabled parking bay* fi Triq ir-Rabat faċċata tal-Crystal Palace.

33.3.32 Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jidħol b'kollaborazzjoni fl-esebizzjoni mal-Wirja li ser tittella' mill-pittur lokali Mario Cassar.

33.3.33 Is-Sindku informa lil membri li ser jinħarat taħt is-siġar taż-Żebbuġ fi Triq iż-Żebbuġ. Il-Viċi Sindku talbet sabiex wara dawn jissaqqew.

## 33.4 Festa 2021

Is-Sindku flimkien mal-Viċi Sindku u l-Kunsillier Baskal Saliba iltaqew mal-Kumitat Ċentrali u l-Għaqdiet tal-Festa fejn dawn infurmawhom li għadhom ma jafux x'ser isir f'jum il-Festa tar-raħal. Is-Sindku kompla jgħid illi l-Kunsill qed jaħdem bis-sħiħ sabiex isir il-logħob tan-nar b'kollaborazzjoni ma' l-Għaqda tan-nar. Kompla jgħid illi attivita' bħal din tkun tajba għal dawn iż-żminijiet peress li mhux diffiċċli li tinżamm id-distanza soċjali. Is-Sindku qal li qabel ma jsir xi ħaġa għandu jinġieb il-permess mill-Awtoritajiet tas-saħħa. Is-Sindku

informa lil membri li xahar ieħor għandha ssir laqgħa fuq il-festa ma' l-Arċipriet.

## 33.5 Offerti

33.5.1 Il-membri approvaw ir-rapporti tal-Bord t'Evalwazzjoni għal dawn l-offerti/kwotazzjonijiet u laqgħu r-rakkomandazzjonijiet tal-Bord:

- Works tender for the restoration of Rubble Walls at Triq tas-Sagħtrija – Zebbug, Gozo
  L-offerta ġiet approvata li tiġi mogħtija lil Caruana & Cini Company Ltd għal prezz ta' €38,997.43.
- Call for Quotations for the Procurement and installation of Wheelchair Roundabout with safe surface at Zebbug (Gozo) Playing Field.
  Il-membri qablu mar-rakkomandazzjoni tal-Bord li tiġi mogħtija lil JGC Ltd għal prezz ta' €10,890.
- Call for Quotations for the Supply and Installation of Outdoor Gym Equipment at Qbajjar Promenade.
  Il-membri qablu li tiġi mogħtija lil Gokker Ltd għal prezz ta' €2,550.
- Tender for the Construction of a Storm Water Culvert at Triq Madonna taċ-Ċiċċri – Zebbuġ Gozo
  Fuq rakkomandazzjoni tal-Bord, il-membri qablu li għandha tingħata lil Road Construction Ltd għal prezz ta' €18,497.15.

33.5.2 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri illi ħarġet ukoll il-kwotazzjoni għal Cleaning and upkeep of Żebbuġ Convenience. Mit-3 kwotazzjonijiet li ġew sottomessi l-membri qablu li għandha tintagħżel l-irħas offerta ta' Josephine Vella għal prezz ta' €408 fix-xahar.

## 33.6 Tweġibiet/Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

33.6.1 *Il-Viċi Sindku, Av. Marlene Cini ressqet dawn is-suġġerimenti:*

*33.6.1.1* Issuġġeriet sabiex jerġew jinxtegħlu l-floodlights ta' fejn iż-Żebbuġ Playing Field.

33.6.1.2 Il-Viċi Sindku talbet sabiex issir *floodlight* ħdejn gabbana li hemm fi Triq il-Wied- Marsalforn. Il-membri qablu.

33.6.1.3 Talbet sabiex jiżdiedu l-*bins* fil-Bajja ta' taħt ix-Xifer. Il-membri qablu li għandha ssir talba lil Public Cleansing.

33.6.1.4 Issuġġeriet sabiex jinżabru s-siġar tal-brook fil-Bajja ta' Taħt ix-Xifer. Il-membri qablu li għandu jitqabbad il-Kuntrattur tal-Kunsill.

33.6.1.5 Il-Viċi Sindku talbet sabiex il-mera li hemm fi Triq Għajn Mhelhel titmexxa żewġ metri minn fejn hi preżentament. Il-membri qablu.

33.6.1.6 Il-Viċi Sindku proponiet li jsiru żewġ fanali ġodda fil-Bajja ta' Taħt ix-Xifer. Il-membri qablu.

33.6.1.7 Il-Viċi Sindku proponiet u l-membri qablu li għandha ssir talba għal fanal ġdid fi Sqaq fi Triq Skapuċċina.

33.6.1.8 Talbet sabiex jinġabru l-kantuni ta' quddiem il-ħajt ta' għalqa vojta li hemm fi Triq Barda. Il-membri qablu.

33.6.1.9 Il-Viċi Sindku proponiet sabiex jinżebgħu l-bankijiet ta' Triq is-Sagħtrija u titnaddaf il-bankina mill-ħaxix ħażin.

33.6.1.10 Talbet sabiex ir-railing ta' Triq Oniċi jinżebagħ, titranġa tabella u tindaf mill-ħaxix. Il-membri qablu li jintbagħtu l-ħaddiema tal-Kunsill sabiex jagħmlu ix-xogħol meħtieġ.

33.6.1.11 Talbet sabiex id-*disabled parking bay* ta' Triq il-Lampuka tinżebagħ sewda peress li l-persuna li kienet tagħmel użu minnha mietet u l-familjari jixtiequ li titneħħa. Il-membri qablu.

33.6.1.12 Il-Viċi Sindku talbet sabiex issir talba lil Ministeru għal Għawdex biex jitranġa ħajt tas-sejjiegħ fl-inħawi tal-Għazz jew Ta' Ċkejkna f'Wied l-Infern.

33.6.1.13 Talbet sabiex jingħata *time frame* lil Għaqdiet tal-lokalita' sa meta għandu jinqata' l-ħaxix.

33.6.1.14 Il-Viċi Sindku staqsiet meta ser isir il-*water culvert* fi Triq ta' Barda. Is-Sindku informa lil membri li kollox jinstab lest u l-kuntrattur għandu jmur iwaħħlu.

33.6.1.15 Il-Viċi Sindku staqsiet fhiex waslet il-*crash barrier* li kellha ssir fejn iċ-Ċimiterju. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li t-Transport Malta talbu lil Kunsill sabiex isir *survey* qabel.

33.6.1.16 Talbet għal *updates* tal-Playing Field taż-Żebbuġ u l-Qbajjar Promenade. Is-Sindku informha illi qed jitwaħħlu l-*playing field Equipment* fil-Playing field taż-Żebbuġ filwaqt fil-Qbajjr Promenade inżebgħu mill-ġdid il-bandli u twaħħal is-safety rubber flooring li kien hemm nieqes.

33.6.1.17 Talbet għal *updates* tal-bankini. Is-Sindku informha illi saret il-bankina ta' Dar Stella Maris sabiex tkun uniformi mal-proġett tal-Playing Field.

33.6.1.18 Rigward il-Ħofra tat-Torok, il-Viċi Sindku qalet li ilha li ġiet approvata mill-Kunsill iżda minħabba l-maltemp waqaf kollox. Talbet sabiex ix-xogħol għandu jiġi skedat għax-xhur tas-Sajf ħalli fix-Xitwa li ġejja, l-bdiewa jgawdu mill-ħażna tal-ilma. Il-membri qablu.

33.6.1.19 Talbet sabiex issir *stop sign* u *bollard* fir-rampa ta' qabel taqbad l-Għar ta' Santa Marija, Xwejni fejn is-sena l-oħra, l-Kunsill kien approva biex isiru sabiex vetturi ma jgħaddux f'din il-parti tal-bajja u dan minħabba l-fatt li jkun hemm ħafna tfal jilgħabu fuq iċ-ċakk. Is-Sindku informha illi l-Kunsill kien talab pero' ma kienx ingħata permess.

33.6.1.20 Talbet sabiex il-Playing Field tal-Virtut jerġa jinfetaħ. Il-membri qablu li jsiru l-manutenzjonijiet meħtieġa qabel u jinħasel b'*bowser* ilma.

*33.6.2 Il-Kunsillier, Daniel Cordina ressaq dawn is-suġġerimenti:*

33.6.2.1 Talab sabiex issir pressjoni mal-Ministeru għal Għawdex sabiex jinqala' il-*floodlight* minn fejn il-Mellows li tpoġġa proviżarjament sakemm isir ix-xogħol.

33.6.2.2 Irringrazzja pubblikament lil sid il-ħajt ta' l-għalqa fi Triq Barda li ħa azzjoni immedjata u bena l-ħajt ta' l-għalqa tiegħu stess wara talba li saret mill-Kunsill.

33.6.2.3 Talab sabiex jinqata' l-ħaxix ħażin li hemm fi Triq Oniċi. Is-Sindku infurmah illi hu u s-Segretarja marru fuq il-post pero' ma rawx ħaxix ħażin. Il-Kunsillier Cordina għandu jerġa' jmur fuq il-post mas-Segretarja sabiex juriha fejn. Il-membri qablu li jsir dan ix-xogħol imbasta mhux fil-privat.

33.6.2.4 Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li m'għandu ebda interess li ma jaċċettax kritika kostruttiva iżda ħsara minn wara l-kwinti minn xi persuna li taħdem fid-Dipartiment tal-Gvern Lokali ma jaċċettaħ qatt. Kompla jgħid li din l-istess persuna qalet pubblikament quddiem ċerti persuni fis-servizz pubbliku illi l-applikazzjonijiet li jisottometti l-Kunsill lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali ser jitpoġġew fil-qiegħ sabiex il-Kunsill ma jgawdi mill-ebda skema u dan kollu minħabba pika personali. Kompla jgħid li ħadd ma għandu dritt jeddu bil-vot anzi appella lil min qed jeddu sabiex jiġi fuq is-siġġu floku x'ħin jasal il-mument li joħorġu għal Kunsill. Kompla jgħid li dejjem l-istess tlett minn nies jagħmlu l-ħsara. Qal li hu jinsab Kunsillier għax verament iħobb il-lokalita' u ma jimxix b'politika. Żied jgħid li mal-membri tal-Kunsill qed ibatu wkoll il-familji rispettivi tagħhom. Qal li sempliċitament għax tikteb xi ħaġa fuq il-medja soċjali ukoll tiġi medded. Qal li ħu importanti ħafna li l-Kunsill jibqa' maqgħud u naħdmu għal għan wieħed, għal ġid tal-lokalita'.

33.6.2.5 Talab sabiex tintbgħat konferma mill-Ministeru għal Għawdex rigward meta hu l-ħsieb li tibda' tiġi asfaltata il-parti li baqa' ta' Triq il-Ponta fejn żied jgħid li hija l-unika triq fiż-Żebbuġ li għadha m'hiex asfaltata.

33.6.2.6 Il-Kunsillier Daniel Cordina staqsa rigward il-belvedere ta' Triq Santa Marija. Is-Sindku infurmah illi l-Kunsill għadu qed jistenna l-*porfido* ġej minn barra. Is-Sur Cordina fakkar li issa wasal is-Sajf u hemm bżon li x-xogħol isir malajr kemm jista' jkun. Is-Sindku qal li l-Kuntrattur wiegħed lil Kunsill li x-xogħol għandu jkun lest sa' l-aħħar ta' Ġunju.

33.6.2.7 Talab sabiex il-briks li hemm fl-ilma fejn is-salini jitneħħew. Il-membri qablu.

33.6.2.8 Il-Kunsillier Daniel Cordina rrimarka illi l-laqgħa li saret ma' Din l-Art Ħelwa saret għal ġid tal-lokalita' u ċert li l-Kunsill ser jaħdem id f'id fir-restawr tal-Batterija tal-Qbajjar.

*33.6.3 Il-Kunsilliera, Sandra Grech ressqet dawn is-suġġerimenti:*

33.6.3.1 Irringrazzjat pubblikament lil Bank of Valletta li reġgħet twaħħlet l-ATM.

33.6.3.2 Qalet li rċeviet filmat rigward ġlieda bejn barranin fi Triq il-Port fejn l-ATM. Talbet sabiex mill-aktar fis tiġi mħejjija l-Bye-Law sabiex ikun jista' jsir l-infurzar meħtieġ. Talbet ukoll sabiex tinġibed l-attenzjoni tas-Supretendent tal-Pulizija.

33.6.3.3 Ilmentat rigward iż-żibel mormi l'hawn u l'hemm tar-ristoranti. Talbet sabiex il-Ministeru għal Għawdex jiġu mistoqsija f'dan ir-rigward.

33.6.3.4 Il-Kunsilliera Grech talbet sabiex issir *sleeping policeman* fi Triq Ħabel it-Twil minħabba s-sewqan aċċessiv. Il-membri qablu li għandha ssir talba lil Transport Malta.

33.6.3.5 Il-membri qablu li għandu jsir supply tad-dawl mill-Kunsill f'Għar Qawqla sabiex ikun jista' jiġi nstallat il-WIFI mill-Ministeru għal Għawdex.

33.6.3.6 Talbet sabiex issir talba lil Ministeru għal Għawdex sabiex malajr kemm jista' jkun iwaħħlu is-slielem u isir ix-xhower ta' fejn l-Otters.

33.6.3.7 Talbet ukoll sabiex jitwaħħlu l-bankijiet tul Triq il-Port u l-Menqa.

33.6.3.8 Issuġġeriet sabiex issir talba lil Ministeru għal Għawdex sabiex jitranġa l-konkos ta' fejn il-Breakwater.

33.6.3.9 Talbet sabiex malajr kemm jista' jkun Triq il-Qbajjar issir *one way* peress li qed ikun hemm konġestjoni tat-traffiku.

33.6.3.10 Issuġġeriet sabiex terġa tinġibed l-attenzjoni tal-Building Regulations Ltd rigward l-*iscaffolding* fil-kantuniera ta' Triq il-Qbajjar. Il-Kunsillier

Cordina qal li s-sid għandu jkollu l-permess tal-Kunsill għal armar ta' l-*iscaffolding.*

33.6.3.11 Talbet sabiex tinġibed l-attenzjoni tal-Ministeru għal Għawdex sabiex jinżebagħ il-ħadid tar-railing li hemm.

*33.6.4 Il-Kunsillier, Baskal Saliba ressaq dawn is-suġġerimenti:*

33.6.4.1 Talab sabiex titnaddaf Triq Ħabel it-Twil mill-ħaxix u trab u tinħasel bil-bowzer. Talab ukoll sabiex isir ir-*repainting* tal-linji sofor u l-kaxxa għal persuni b'diżabilita'.

33.6.4.2 Issuġerixxa sabiex issir bandiera ġdida ma l-arblu ta' fejn il-Klabb tal-Futbol. Il-membri qablu.

33.6.4.3 Issir talba lil Transport Malta sabiex issir *sleeping policeman* fi sqaq fi Triq il-Ponta. Il-membri qablu.

33.6.4.4 Talab sabiex tinġibed l-attenzjoni tal-Ministeru għal Għawdex illi r-residenti ta' fejn il-Mellows qed jipparkjaw b'mod temporanju u jingħataw ċitazzjonijiet. Kompla jgħid illi hemm bżonn urġenti li jinżebgħu l-kaxxi tal-parkeġġ fi Triq Għar Qawqla.

33.6.4.5 Staqsa jekk il-Perit tal-Kunsill bgħatx il-BOQ għal kanal ta' l-ilma fejn Tas-Sagħtrija. Is-Sindku nfurmah illi din għadha ma ntbgħatitx pero issuġġerixxa li ssir trinka tad-dawl u jsir kanal magħha. Il-membri qablu.

33.6.4.6 Staqsa jekk hemmx pjan sabiex jitranġa l-grawnd tal-futbol l-antik u dan peress li kieku fil-festa jintuża għal parkeġġ u jsir mini bus service. Il-membri qablu li l-ewwel għandu jiġi mistoqsi l-Ministeru għal Għawdex hux ser jiġi utilizzat għal xi ħaġa dan il-ground.

33.6.4.7 Talab sabiex jiġi mfakkar il-Ministeru għal Għawdex fuq it-taraġ perikolu' ta' fejn il-Menqa.

33.6.4.8 Talab sabiex teħel *slow sign* fejn il-Gabbiano Restaurant peress li ma ngħatax permess minn Transport Malta sabiex issir *sleeping police.*

33.6.4.9 Talab u l-membri qablu li l-LESA għandhom jagħmlu aktar sorveljanza rigward ir-rimi ta' żibel mormi llegalment.

33.6.4.10 Talab sabiex jerġa tinżebagħ il-linja safra li kien hemm quddiem ta' residenti fi Triq ix-Xwejni. Il-membri qablu.

33.6.4.11 Talab sabiex isir *patching* fi Triq is-Salini.

33.7 Korrispondenza, ilmenti/suggerimenti

33.7.1 Memorandum ta' Ftehim dwar il-Ħaxix Selvaġġ mill-Malta Beekeepers Association. Il-membri ma qablux li jiġi ffirmat dan il-ftehim minħabba li jista' jkun hemm tgergir minn nies li għandhom ir-raba.

33.7.2 Resident talab sabiex tul Triq il-Wied jinżebgħew l-kaxxi tal-parkeġġ. Il-membri qablu li jintalab il-permess ta' Transport Malta f'dan ir-rigward.

33.7.3 Resident talab sabiex jingħalqu toqob ta' l-arja li hemm fuq il-bankini fi Triq is-Salini. Il-membri qablu li dawn huma toqob ta' l-arja tal-privat pero' s-Sindku ġie nkarigat sabiex imur jiċċekja u jekk hemm xi perikolu isiru l-grajjed.

33.7.4 L-Otters Asc talbu permess għal *SwimPolo Campaign* fil-11 u 12 ta' Settembru. Il-membri qablu li jingħata dan il-permess sakemm ikunu qed jimxu mar-regolamenti maħruġa mill-Awtorita' tas-Saħħa Pubblika.

33.7.5 Residenta minn Triq il-Luzzu fejn talbet sabiex il-parkeġġ isir biss fuq naħa waħda tat-triq. Il-membri ma qablux.

33.7.6 Resident talab sabiex fi Triq Wied l-Infern issir mera tat-traffiku u wkoll xi sinjali li juru li min jgħaddi minn hemm irid idoqq il-ħorn. Il-membri qablu li dawn għandhom isiru.

33.7.7 Resident talab sabiex issir bankina ġdida fi Triq ix-Xagħra. Il-membri ma qablux li din issir peress li din it-triq ser tiġi asfaltata mill-ġdid mill-Ministeru għal Għawdex.

33.7.8 Suġġeriment minn resident sabiex jinżebagħ il-ħajt tas-salini. Is-Sindku nforma lil membri li dan diġa qed jinżebgħah mill-ħaddiema tal-Kunsill. Il-Kunsillier Daniel Cordina talab sabiex tinġibed l-attenzjoni sabiex jingħalqu l-bjar li hemm miftuħin.

33.7.9 Transport Malta talbu lil Kunsill sabiex issir laqgħa biex jiġu mitkellma t-*traffic management* f'Marsalforn.

33.7.10 Korrispondenza mill-Water Be the Change fejn infurmaw lil Kunsill li ser ikunu fi Pjazza l-Assunta fit-12 u 13 ta' Ġunju 2021. Il-Kunsill għandu jirriserva parkeġġi għal dan il-għan.

33.7.11 Resident minn Triq Oniċi fejn irringrazzja lil Kunsill tax-xogħol ta' tisbiħ li għamel.

33.7.12 L-Otters Asc talbu sabiex jitpoġġa *lifeguard* qrib l-Otters peress li f'dawn l-inħawi hemm il-*waterpolo pitch* u l-*lifeguards* li hemm fil-Menqa huma mbedin wisq. Il-membri qablu li għandha ssir talba f'dan ir-rigward lil Ministeru għal Għawdex.

33.7.13 Emejl għal xiri ta' kotba ta' poeżiji 'Qtar il-Għasel'. Il-membri qablu li jinxtraw żewġ kotba għal librerija.

33.7.14 Resident fejn irringrazzja lil Kunsill għal *pedestrian zone* li saret fi Triq il-Wied pero' talab li tiġi estiża għal ġimgħa kollha. Il-membri ma qablux.

33.7.15 Korrispondenza mill-ERA fejn għarrfet lil Kunsill illi għal kull 2000 resident, l-Kunsill irid jipprovdi spazju għall-inqas sett wieħed ta' *recycling points*. Il-membri qablu li l-Kunsill diġa għandu żewġ *recycling points* u għalhekk jinsab kif stabbilit mill-ERA.

33.7.16 Talba m'għand resident sabiex jagħti donazzjoni ta' €50 sabiex jiġi restawrat ħajt tas-sejjiegħ. Il-membri qablu li l-Kunsill ma jistax jaċċetta donazzjonijiet.

33.7.17 Talba mic-Chill Bar Gozo għal attivita' fuq barra. Il-membri qablu l-permess jingħata biss sakemm ikollu l-approvazzjoni mill-Awtorita' tas-Saħħa Pubblika.

33.7.18 Talba minn residenta fi Triq il-Qbajjar fejn talbet illi din it-triq għandha tkun *one way* is-sena kollha. Is-Sindku nforma lil membri illi fil-passat kienet saret talba simili lil Transport Malta pero' ma kienitx ġiet aċċettata.

33.7.19 Appell mibgħut minn resident PA 02267/21. Il-Kunsill qabel li jgħadduha lil Perit tal-Kunsill sabiex tiġi sottomessa mal-PA pero' l-Kunsill jaċċetta d-deċiżjoni tal-PA.

33.7.20 Talba minn resident sabiex ineħħi l-*wires* ta' l-Enemalta minn ma' faċċata li ser titwaqqa' u tinbena mill-ġdid fi Triq il-Mitħna. L-istess resident talab il-permess tal-Kunsill sabiex jgħaddi l-*wires* minn taħt l-art. Il-membri qablu ma dan sakemm ma jkunx hemm spejjes għal Kunsill.

33.7.21 Is-Seg. Ezekuttiv qrat il-parir ta' l-Avukat tal-Kunsill rigward passaġġ blokkat fi Triq il-Ponta. Il-membri laqgħu l-parir ta' l-Avukat.

33.7.22 Is-Seg. Ezekuttiv bdiet taqra emejl mibgħuta minn Avukat f'isem resident fi Triq il-Ponta rigward passaġġ iblokkat. Il-Kunsillier Daniel Cordina talab lis-Seg. Eżekuttiv sabiex ma tkomplix taqra l-emejl peress li din hi kwistjoni familjari u l-Kunsill diġa ingħata parir legali f'dan ir-rigward. Talab ukoll sabiex din l-istorja tieqaf hawn u ma tkomplix tirrepeti ruħha. Is-Sindku talab lis-Seg. Eżekuttiv sabiex tkompli taqra l-emejl. Il-membri qablu li għandha tintbgħat risposta ta' din bl-Avukat tal-Kunsill.

33.7.23 Talba mill-Artista Żebbuġi Mario Cassar sabiex flimkien mal-Kunsill itellgħa wirja ta' arti moderna bl-isem ta' *Sacred Rubbings.* Il-membri qablu.

33.7.24 Kwotazzjoni ta' *surveys for TM proposals* fuq xi siti. Il-membri ma qablux li jsiru dawn peress li l-ispiża hija kbira. Il-Viċi Sindku proponiet li meta t-toroq ikunu arterji għandu jitqabbad il-Perit tal-Ministeru għal Għawdex stess. Il-membri qablu.

33.7.25 Korrispondenza minn Transport Malta fejn il-Kunsill ġie nfurmat illi t-talba għal *reserved parking bay* ma ġietx milqugħa peress li hemm parkeġġ ieħor inqas minn 50metru l-bogħod li jista' jintuża mill-persuni b'diżabilita'.

33.7.26 Talba minn resident sabiex ir-round-about fi l-Qbajjar jiġu mħawla s-sardinell. Il-membri qablu ma dan u qablu wkoll li għandhom jitħawlu wkoll fi Pjazza l-Assunta.

33.7.27 Ilment Nru 13/2021
Sabiex tinżabar ħarruba li qed tistakola l-gallerija fi Triq ta' Tuttiet

Il-membri qablu li għandu jinġieb il-permess ta' l-ERA u wara tinżabar b'*high up.*

33.7.28 Ilment Nru 14/2021
Jitlob sabiex issir rampa ġo għalqa fi Triq daħla tad-Dabrani.

Il-membri qabli li għandha titpoġġa fuq is-sistema tal-Gozo LC Works.

33.7.29 Ilment Nru 15/2021
Titlob sabiex isiru cameras fi Triq il-Port Marsalforn in-naħħa ta' Triq MA Refalo peress li jsir ħafna vandaliżmu.

Il-membri qablu li ssir talba lil Ministeru għal Għawdex.

33.7.30 Ilment Nru 16/2021
Titlob sabiex issir rampa quddiem il-bieb tagħha peress li anzjana u ma tiflaħx timxi fi Triq Ulisse

Il-membri qablu li din għandha ssir.

33.7.31 Ilment Nru 17/2021
Titlab sabiex issir bankina dejqa fi Triq ta' Milied, minħabba t-trakkijiet.

Il-membri qablu li din għandha ssir.

33.7.32 Ilment Nru 18/2021
L-Arċipriet talab sabiex jibda' jintuża l-Hub għal xi laqgħat.

Il-membri ma qablux ma din it-talba peress li għad hawn ir-restrizzjonijiet mill-Awtoritajiet tas-Saħħa.

33.7.33 Ilment Nru 19/2021

Titlob sabiex isiru parking bays fi Triq is-Salini k/m Triq Santa Marija. Titlob ukoll sabiex titneħħa l-bankina fil-bidu ta' Triq is-Salini għax ma tintużax u sabiex issir disabled parking bay fl-istess parti.

Il-membri ma qablux ma din it-talba pero qablu li jintalab il-permess għal *disabled communal parking bay.*

33.7.34 Ilment Nru 20/2021

Jitlob sabiex issir *sleeping police* fi Triq Ħabel it-Twil.

Il-membri qablu li għandha ssir talba ma Transport Malta.

33.7.35 Ilment Nru 21/2021

Jitlob sabiex triq Wied l-Infern titwitta' biż-żrar.

Il-membri qablu.

33.7.36 Ilment Nru 22/2021

Ilment li r-residenti taż-Żebbuġ m'għadhomx jistgħu jiġbru l-posta mill-Għarb pero' mir-Rabat.

Il-Viċi Sindku proponiet li ssir talba għal *sub post office* pero' is-Sindku nfurmha li kienet saret talba fil-passat u ma ġietx milqugħa. Il-membri qablu li l-Kunsill ma jistax jidħol fid-deċiżjonijiet tal-Maltapost.

33.7.37 Ilment Nru 23/2021

Ilment li t-trakk tal-Kunsill qed jispiċċa jintuża bħala skip billi qed ikun ipparkjat barra.

Il-membri qablu li ser jinkera garaxx.

33.7.38 Ilment Nru 24/2021

Bżonn li jitwaħħal bin tal-klieb fi Triq is-Sagħtrija fuq il-belvedere.

Il-membri ma qablux ma dan peress li jekk jitwaħħal ma hemmx min inaddaf dan il-bin.

33.7.39 Ilment Nru 25/2021

Jirrapporta bankina mkissra fi Triq il-Qbajjar quddiem biex ta' garaxx fejn kienet l-ispiżerija.

Il-membri qablu li għandu jintbgħat ħaddiem tal-Kunsill biex jirranġha.

33.7.40 Ilment Nru 26/2021
Jitlob biex jitkompla l-ħajt *off* Triq ir-Rabat.

Il-membri qablu li għandha ssir talba mal-Gozo LC Works.

33.7.41 Ilment Nru 27/2021
Titlob sabiex fi Triq Ħabel it-Twil isir refreshing tas-sinjali tat-traffiku, jissewwa l-arblu tat-tabella tad-*disabled parking* u isir il-patching neċessarju.

Il-membri qablu.

33.7.42 Ilment Nru 28/2021
Tad-Dive Centre jitlob sabiex ikollu fejn jorbot id-dgħajsa fil-bajja ta' Marsalforn.

Il-membri qablu li din it-talba għandha tersaq quddiem il-Ministeru għal Għawdex.

33.7.43 Ilment Nru 29/2021
Titlob li ssir rampa ta' l-għalqa għax ma għandhomx aċċess għar-raba' tagħhom fi Triq is-Saghtija.

Il-membri qablu li l-ewwel għandu jiġi vverifikat hux fil-privat.

33.7.44 Ilment Nru 30/2021
Titlob biex issir bankina minħabba l-ilma hu tinqaleb it-Triq – Triq iċ-Ċnus.

Il-membri qablu li għandu jmur l-Perit tal-Kunsill jiċċekja f'dan ir-rigward.

33.7.45 Ilment Nru 31/2021
Titlob sabiex jitpoġġa *dog bin* bejn Triq Lifuna u Triq tan-Naħla.

Ma kienx hemm qbil f'dan ir-rigward.

33.7.46 Ilment Nru 32/2021
Titlob sabiex issir bankina tas-siment flok il-bankina tal-madum għax qed ikollha ħafna ħaxix.

Il-membri qablu li l-ħaddiema tal-Kunsill għandhom jaqtgħu il-ħaxix u iħallbu l-madum sabiex ma jitlax ħaxix mill-fili.

33.7.47 Ilment Nru 33/2021
Jitlob biex jitranġa l-ħajt f'Wied l-Abjad.

Il-membri qablu li għandu jiġi rrapportat fuq il-Gozo LC Works.

33.7.48 Ilment Nru 34/2021
Jitlob biex issir bankina fi Triq il-Batterija kantuniera ma Triq il-Qolla.

Il-membri qablu li għandha titpoġġa mal-lista tal-bankini.

## 33.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-iskeda ta' pagamenti

Skeda Nru 22/2021 u skeda nru 23/2021 li jammonta għal €185,110.46 u €53,747.72 rispettivament ġew approvati.

## 33.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fit-8.28 ta' filgħaxija. Data tal-laqgħa li jmiss ser tiġi miftehma aktar il-quddiem.

Nicky Saliba
Sindku

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv